KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 73

**It-Tlieta 14 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 73.1 Qari tal-Apoloġiji

73.1.1 Is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Dr Attard biex jinforma li ma kienx se jattendi għal-laqgħa

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

73.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

73.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 71 u 72 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 73.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

73.3.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq wara tal-parkeġġ ta' Binja Qlejgħa kien kważi tlesta. Kien fadal biss it-tarmak u li jitwaħħlu l-arbli tad-dawl biex jagħtu għal fuq iż-żewġ naħat tagħhom.

73.3.2 Is-Sindku informa li kien ġie ffirmat MoU mal-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn kif kien spjega qabel, il-Gvern kien se jalloka €10M, se jkun hemm sistema fuq portal u l-Kunsilli setgħu japplikaw online għal xogħlijiet fil-lokalità.

73.3.3 Is-Sindku informa li kien ġie mgħarraf li .x-xogħol fuq iż-żona tal-Eks Married Quarters kien se jibda dalwaqt. Dan se jinkludi xogħol fuq il-main tal-ilma, bankini u planters ġodda u rikostruzzjoni tat-triq.

73.3.4 Is-Sindku informa wkoll li x-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza kien beda miexi sewwa. Min-naħa tal-perizja kienu għaddew pjanta bil-programm kif pjanat li jimxi x-xogħol. Huwa informa li kull ġimgħa kienet qed tinżamm laqgħa fuq il-post fejn hu u s-SE kienu jkunu mistiedna biex jattendu u jagħtu l-kontribut tagħhom filwaqt li jkunu mgħarrfa b'dak kollu li se jsir.

## 73.4 Approvazzjoni tal-Letter of Representation

73.4.1 Is-SE infurmat li kellha f'idejha kopja tal-letter of representation li tintbagħat mill-awdituri biex tiġi approvata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

73.4.2 Il-Kunsill approvaha u ġiet ffirmata mis-Sindku u s-SE.

## 73.5 Skema tal-Ġonna

73.5.1 Is-SE infurmat li kien hemm skema għal xi xiri ta' siġar. Il-Kunsill qabel li għandha tiddaħħal talba għal xiri ta' madwar 10 siġriet tas-siġar taż-żebbuġ.

## 73.6 Proposta tal-FKNK għal guva tal-ħamiem

73.6.1 Is-Sindku informa li kien iltaqa' ma' rappreżentanti tal-FKNK dwar il-possibbiltà li ssir guva tal-ħamiem.

73.6.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li din issir, il-Kunsill m'għandux fondi biex jidħol għaliha hu u għaldaqstant kienet qed titlob li jkollha kommunikazzjoni bil-miktub mingħand min kien se jidħol għal din l-ispiża.

73.6.3 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel mal-kostruzzjoni ta' din il-guva. Il-Kunsillier Fenech semma' li huwa jaqbel sakemm il-Kunsill ma jintalabx li jagħmel tajjeb għall-ispiża mill-fondi tiegħu.

## 73.7 Kont tal-elettriku fiż-żona pedonali

73.7.1 Is-SE infurmat li mill-Awtorità tad-Djar (HA) kienu għaddewlha kont mhux imħallas li jkopri d-dawl taż-żona pedonali ta' bejn il-Kunsill u l-VC.

73.7.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux ikun responsabbli għall-konsum tad-dawl b'mod speċjali ladarba l-kont jgħajjat lill-HA u mhux lill-Kunsill Lokali. Is-SE kienet se tara ma' Kunsilli oħrajn xi jsir f'każijiet simili.

73.7.3 Il-Kunsill qabel li għallanqas għalissa, dan il-kont m'għandux jitħallas.

## 73.8 Tneħħija ta' assi minn fuq l-inventarju

73.8.1 Is-SE infurmat li fuq l-inventarju kien hemm għadd ta' assi li kienu ġew obsolete u oħrajn li qatt ma sabet irkaptu fejn huma meta bdiet taħdem il-Kunsill u għaldaqstant issuġġeriet li dawn jitneħħew minn fuqha.

73.8.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 73.9 Ftehim ta' MoU ma' Clean Malta

73.9.1 Is-Sindku informa li Clean Malta kienu avviċinaw lill-Kunsill fejn offrew li jagħtu servizz ta' żewġ ħaddiema fuq bażi full time flimkien mas-servizz ta' darbtejn fil-ġimgħa bl-isweeper u l-ġabra kollha tal-boroż kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li jgħaddi l-allokazzjoni ta' €25,000 fis-sena.

73.9.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din l-offerta u talab lis-SE sabiex tikkonferma.

## 73.10 Devjazzjoni ta' cables tal-Enemalta

73.10 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni lura mingħand IM dwar kont li għadditilhom minħabba għajnuna li kienu wegħdu lill-Kunsill fir-rigward ta' xogħol fuq trinka

viċin taċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni. Dawn kienu infurmawha li ma kinux lesti li jħallsu l-ammont sħiħ minħabba li r-rati kienu nbidlu.

73.10 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-SE għandha terġa' tkellem lill-Periti.

## 73.11 Ħlasijiet dovuti lir-Reġjun Tramuntana

73.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet l-ammont ta' €14,822 f'fondi lura mid-DLG li kienu intenzjonati għall-ispiża tal-iskart. Għaldaqstant talbet biex dan l-ammont jitħallas direttament lir-Reġjun Tramuntana sabiex jibda jinqata' d-dejn li hemm b'lura wara l-iżball li kien sar min-naħa tagħhom.

73.11 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tħallas dan l-ammont u tassigura li jinbdew jitħallsu l-kumplament.

## 73.12 Punti Oħra

73.12.1 Is-SE infurmat li wara l-laqgħa mal-kordinatur tal-istudenti tal-I.T.S. kien hemm madwar 8 studenti li kienu interessati li jagħmlu xi sigħat mill-ħin mill-work placement tagħhom ġewwa l-Imtarfa.

## 73.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

73.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 05/2024), kopja tagħha mehmuża.

73.13.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 73.14 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

73.14.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:40pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 14 ta' Mejju fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 14 ta' Mejju 2024.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv